## 11 ta' Jannar, 1957

**Imħallfin:—**

Is-S.T.O. Sir L.A. Camilleri, Kt., LL.D., President;

Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;

Onor. Dr. W. Harding, K.M. B.Litt., LL.D.

Carmelo Seychell *versus* Giovanni Depasquale

**Board tal-Kera — Sentenza — "Res Judicata" — Nullità — Appell — Art. 731 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili**

*Ma hemmx lok ghal deċiżjoni tal-eċċezzjoni tar-"res judicata" jekk dik l-eċċezzjoni qatt ma ġiet sollevata; u ghalhekk mhix nulla deċiżjoni tal-Board tal-Kera fuq l-allegat motiv li l-Board ma ddeċidiex b'kap separat, kif trid il-liġi, dik l-eċċezzjoni, jekk ma jidhirx li l-istess qatt ġiet imressqa quddiem il-Board, jew ma jkunx hemm għaliex wieħed seta' jahseb li min jopponi n-nullità tas-sentenza tal-Board ried jissolleva dik l-eċċezzjoni.*

*Stabbilit li ma kienx hemm lok għad-deċiżjoni ta' dik l-eċċezzjoni mill-Board, jibqa' fis-sedi tal-appell li jiġi nvestit il-punt jekk is-sentenza tal-Board hijiex appellabbli; u jekk minn dan l-eżami jirriżulta li l-Board ma għamelx ħlief apprezzament tal-fatti riżultati mill-provi, is-sentenza mhix appellabbli, billi fuq dak l-apprezzament is-sentenza tal-Board mhix censurabbli mill-Qorti tal-Appell.*

Il-Qorti;—Fuq ir-rikors ta' Carmelo Seychell quddiem il-Board li Jirregola l-Kera, fejn talab biex jerġa' jieħu taħt idejħ il-fond 39-40-41 Mater Boni Consilii Street, Żejtun, mikri lill-intimat Giovanni Depasquale, u dan peress li jrid dan il-fond għall-użu tiegħu, fil-ħin li joffri bħala "alternative accomodation" il-fond numru 35 St. Anthony Street, Żejtun;

Rat ir-risposta tal-intimat;

Rat il-verbal tat-3 ta' Ottubru 1956, li biħ il-partijiet għamlu riferenza għar-rikors fl-istess ismijiet deċiż mill-

Board fil-21 ta' Settembru 1955, u li biħ ir-rikorrent iddikjara li l-kera tal-fond li qiegħed joffri huwa ta' £19 fis-sena u li jekk jiġi fissat kera għola mill-Board huwa dispost li jħallieħ bil-kera ta' £19 għall-perijodu ta' sentejn;

*Omissis;*

Rat id-deċiżjoni mogħtija minn dak il-Board fl-24 ta' Ottubru 1956, li biha ġiet milqugħa t-talba, purkè jibqa' disponibbli favur l-intimat il-fond offert bil-kera ta' £19 fis-sena, b'dana li l-intimat ma jinsabx prekluż milli jottjeni mill-Board li jiġi fissat il-kera tal-fond offert; u fil- każ li dana l-kera jiġi fissat għola minn £19 fis-sena, ir-rikorrent ma jkunx jista' għal perijodu ta' sentejn jeżiġi kera ogħla; u jekk jiġi fissat kera anqas, ir-rikorrent ma jkunx jista' jeżiġi ħlief il-kera hekk fissat; u dana mill-ġurnata li fiha l-intimat ikun mar jokkupa l-fond offert. Għall-fini tal-iżgumbrament ġie prefiss xahar żmien; u ġie ordnat li l-ispejjeż, fiċ-ċirkustanzi, jibqgħu mingħajr taxxa; wara li kkunsidra;

Illi, bla dubju ta' xejn, hemm mhux biss kambjament fil-fond offert fil-preżenti rikors minn dak li kien ġie offert f'dak deċiż fil-21 ta' Settembru 1955, imma hemm kambjament ukoll fil-kwistjoni tal-familji tal-kontendenti, peress illi......;

Illi huwa fatt ukoll li l-intimat għandu f'idejħ biss il-fond......;

Illi, stabbilit il-premess, għandu jiġi eżaminat jekk il-fond offert bil-preżenti rikors huwiex "reasonably suitable" jew le għall-familja tal-intimat;

*Omissis;*

Illi, għal kwalunkwe fini, jiġi osservat li ma jista' jkollha ebda riljev għal dina t-talba ċ-ċirkustanza li l-intimat jissullOka parti mill-fond lil ħadd ieħor; għaliex it-terzi li jkollhom b'sullokazzjoni parti mill-fond ma għandhomx rapporti mal-lokatur, u għalhekk kwalunkwe tali sullokazzjoni, għalkemm minħabba ċ-ċirkustanzi hija permessa mill-liġi, ma testendix ruħha b'mod li, jekk is-sid ikun irid lura

l-fond, għandu jipprovdi bħala "alternative accomodation" fond li jkun jista' jakkomoda dawk kollha li jkollhom xi parti mill-fond in sullokazzjoni; u dan iżjed u iżjed meta, bħal każ in ispeċje, dina s-sullokazzjoni tkun saret favur persuni estranei;

Rat ir-rikors tal-imsemmi Giovanni Depasquale quddiem din il-Qorti, fejn talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, billi tiġi dikjarata n-nullità ta' dik is-sentenza għaliex ma ġietx deċiża l-eċċezzjoni tar-"res judicata" kif tirrikjedi l-liġi, u billi tiġi miċħuda fil-meritu t-talba tar-rikorrent; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-appellant jippretendi li s-sentenza tal-Board hija nulla, għaliex ma ġietx maqtugħa b'kap separat l-eċċezzjoni tar-"res judicata" kif titlob il-liġi (art. 731 Proċ. Ċiv.). Iżda ma jidherx li dik l-eċċezzjoni qatt ġiet imressqa quddiem il-Board. Infatti, fir-rikors jingħad illi r-rikorrent kien ġa' għamel domanda simili, li ġiet respinta b'deċiżjoni tal-21 ta' Settembru 1955, u illi wara dik is-sentenza ċ-ċirkustanzi tbiddlu, billi l-familja tal-intimat naqset bi tliet membri li emigraw, u għalhekk reġa ppropona t-talba preżenti. L-istess appellant, fir-risposta tiegħu qal li ċ-ċirkustanzi minn dik is-sentenza l-hawn għadhom "press'a poco" l-istess. Bl-ebda sforz tal-immaġinazzjoni ma jista' jiġi ritenut li l-appellant b'dik ir-risposta tiegħu ssolleva, jew seta' jagħti x'wieħed jaħseb li ried jissolleva, l-eċċezzjoni tar-"res judicata": anzi bil-kliem użati huwa ammetta li ċ-ċirkustanzi ma kienux l-istess. Jingħad ukoll li matul it-trattazzjoni tar-rikors quddiem il-Board qatt ma saret l-iċken menzjoni tal-imsemmija eċċezzjoni tar-"res judicata". Għalhekk il-pretiża nullità tas-sentenza appellata hija bla fondament;

Ikkunsidrat;

Illi, stabbilit li l-eċċezzjoni tar-"res judicata" ma ġietx sollevata quddiem il-Board, u kwindi li ma kienx hemm lok għad-deċizjoni ta' dik l-eċċezzjoni, il-pont li għandu

jiġi nvestit huwa jekk, skond il-liġi, is-sentenza tal-Board hijiex appellabbli;

Minn eżami ta' dik is-sentenza jidher evidenti li fiha ma hemmx ħlief apprezzament tal-fatti riżultati mill-provi, u fuq dak l-apprezzament is-sentenza mhix ċensurabbli minn dina l-Qorti. Bl-istess sentenza ma ġiex maqtugħ ebda punt ta' dritt; għalhekk dik is-sentenza mhix appellabbli;

Għar-raġunijiet fuq miġjuba;

Prevju r-riġett tan-nullità tas-sentenza appellata, bl-ispejjeż kontra l-appellant Depasquale;

Tilqa' l-eċċezzjoni tal-inappellabbilità opposta mill-appellat Carmelo Seychell, u tiddikjara irritu u null l-appell; bl-ispejjeż kontra l-appellant Giovanni Depasquale.